**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 580/2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**-Vs-**

**JOSEPH MANUEL JONATHAN BONNICI**

**Illum, 22 ta' Novembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JOSEPH MANUEL JONATHAN BONNICI** iben Joseph u Rose nee' Mifsud, imwieled l-Awstralja, residenti 82, Joerose House, Triq is-Sienja, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita' nin-numru 182492M li ġie akkużat talli fix-xahar ta' April 2018 u fix-xhur u snin ta' qabel ġewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) Bħala persuna li kont taf jew missek kont taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kundizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentemnet giegħelt jew ippermettejt li persuna anzjana adulta dipendenti jsofru, jew gibt fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellek l-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentemnet giegħelt jew ippermettejt li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement giegħelt jew ippermettejt li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu;

2) Aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi ħebbejt għal Raymond Farrugia (KI 158859M) ikkaġunajtlu ġrieħi ta' natura ħafifa;

3) Aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Aloisio Caruana (KI 208577M) u lil Darren Scicluna (KI 215082M) il-biża' li ser tintuża vjolenza kontrijhom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuni jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap 9;

Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skont Art. 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbiliti mill-Liġi tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li m'hux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali biex dan il-każ jinstema' bil-proċedura sommarja għall-fini tal-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni u x-xhieda in difesa;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Rat ir-relazzjonijiet rispettivi tal-esperti minnha maħtura, ċioe' Dr. Joseph Cassar (Dok. JC1) u Kersten Pulis (Dok. KP1);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023; kif awtorizzat u rat illi kopja ta' din in-nota ġiet trasmessa lill-avukat difensur fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukat difensur fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 in linea ta' trattazzjoni finali;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-imputat kien jaħdem bħala *support worker* mal-Aġenzija Sapport, Aġenzija li tamministra diversi djar residenzjali għal pazzjenti b'diżabilita' intellettwali u fiżika. Fost id-djar immexxija mill-Aġenzija hemm id-dar ġewwa Block 2, Flat 1, Triq Danny Cremona, Ħal Kirkop fejn l-imputat kien jifforma parti mit-tim ta' *support workers* li jaħdmu direttament mal-pazzjenti ossia klijenti tar-residenza. Fiż-żmien li għalih jirrisalu l-akkużi, ċioe' April 2018, kien hemm erba' residenti fid-dar, Raymond Farrugia, Darren Scicluna, Aloisio

Caruana u Raphael Ciantar. L-imputat kien ilu li beda jaħdem f'din ir-residenza partikolari madwar sena jew tmien snin qabel seħħew l-allegati inċidenti li taw lok għal dawn l-akkużi. Bħala regola ġenerali is-*support workers* kienu jaħdmu wieħed filgħodu u wieħed mal-lejl u tnejn wara nofsinhar, iżda mhux dejjem. L-Aġenzija Sapport timplimenta policy imsejjaħ *abuse policy* li jorbot lill-impjegati kollha tagħha inkluż *support workers* biex *inter alia*, jirrapportaw kull allegat abbuż li jsiru jafu bih waqt it-twettiq ta' dmirijiethom.

Fil-fatt, il-fatti li taw lok għall-akkużi jikkonċernaw rapport[1] li sar minn Shaun Spagnol, *support worker* li jaħdem fir-residenza ta' Ħal Kirkop, fl-14 ta' April 2018 in konnessjoni ma' inċident li seħħ fit-13 ta' April 2018 fejn l-imputat allegatament ta daqqa ta' ponn f'wiċċ Raymond Farrugia, wieħed mir-residenti fid-dar ta' Ħal Kirkop fejn kien jaħdem ukoll l-imputat. Il-Pulizija ġew infurmati b'dan ir-rapport u l-imputat ġie sospiż mill-impieg tiegħu mal-Aġenzija Sapport iżda sussegwentement kien irriżenja minn dan l-impieg fil-31 ta' Awwissu 2018.

Is-segwenti huma l-punti saljenti u rilevanti li joħorġu mix-xhieda u l-provi akkwiżiti.

**Shaun Spagnol**, *support worker* mal-Aġenzija Sapport li kien jaħdem fl-istess residenza ta' Ħal Kirkop fejn kien jaħdem l-imputat, xehed illi nhar is-Sibt 14 ta' April 2018 Raymond Farrugia talbu għal sigarett u ħarġu fil-bitħa. X'ħin kienu bil-qiegħda barra innota li Raymond kellu daqqa ħamra fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċu. Meta staqsih biex ġiet il-marka, Raymond qallu li Joseph Bonnici kien tah daqqa ta' ponn f'wiċċu. Kif daħlu ġewwa, mill-ewwel iċċekkja r-roster u Raymond qabad jibki u beda jirrepeti l-istess ħaġa u qal ukoll li l-ġurnata ta' qabel kien hemm ħutu u dan ġara wara li kienu telqu. Ikkonferma li għamel rapport (*incident report*) dakinhar stess meta kien għadu xogħol, fejn niżżel il-fatti kollha u dak kollu li qallu Raymond Farrugia, u bagħat ir-rapport lis-superjuri tiegħu Ramona Pullicino (Dok. CB2[2]). Ħa wkoll ritratt ta' wiċċ Raymond Farrugia dak il-ħin stess bit-telefon ċellulari tiegħu

[1] Ara Dok. CB2, esebit minn Chiara Borg, paġna 46, 47 tal-atti proċesswali.
[2] Rapport Dok. CB2, paġna 46 u 47 tal-atti proċesswali.

(Dok. CB3)[3] u pprintjah fl-uffiċċju tax-xogħol tiegħu u kkonferma li huwa kien niżżel dan l-inċident fil-*logbook* li fih jingħata l-*handover* tal-ġurnata. Ix-xhud ma ftakarax f'xi inċident fejn Raymond laqat wiċċu ma' karozza meta kien ħareġ miegħu.

**Ramona Pullicino** xehdet illi kif irċeviet dan ir-rapport mingħand Shawn Spagnol[4] permezz ta' *email*, ikkonsultat it-*time-sheet* fejn jitniżżlu l-ħinijiet li taħdem il-*cleaner* fid-dar ta' Ħal Kirkop u r-*roster* tal-ħinijiet li jkunu daħlu xogħol is-*support workers* u fis-16 ta' April 2018 irriżulta li filwaqt li l-*cleaner* ħadmet sas-2.00 p.m.[5], it-tieni *support worker* li kienet xogħol dakinhar, daħlet fl-4.00 p.m.[6] Qalet li dan ifisser li l-imputat kien waħdu fid-dar flimkien ma' Raymond Farrugia fil-ħin li allegatament seħħ l-inċident li ġie rapportat għaliex dak il-ħin ma kien hemm ħadd iktar la staff u lanqas klijenti fir-residenza. Ċemplet ukoll lil oħt Raymond Farrugia u kkonfermat mar-raġel tagħha li huwa minnu li dakinhar kienet marret tarah fid-dar għall-ħabta tas-2.00 p.m.

Meta hija kellmet lil Raymond dwar dan l-inċident, huwa qalilha li wara li marret tarah oħtu, kien talab lill-imputat għal sigarett iżda qallu "*le*" u kien indikalha bil-ġesti li tah daqqa ta' ponn taħt għajnejh ix-xellugija u kien jidher aġitat. Il-ftehim mal-klient kien li jieħu sigarett kull siegħa jew siegħa u nofs minħabba l-kundizzjoni tal-asthma li jbati biha.

Ramona Pullicino xehdet ukoll dwar rapporti oħrajn li saru fil-konfront tal-imputat minn klijenti kif ukoll minn membri oħrajn ta' staff, fosthom li f'Marzu 2017 l-imputat kien qal li ħareġ lill-klijenti filgħodu iżda rriżulta li ma kienu marru mkien tant illi hija kkonfermat ma' oħt Raymond Farrugia, Grace, li kienet marret tarah dakinhar fil-għodu għall-ħabta tal-10.20 a.m li jfisser li veru ma kienx ħariġhom. Dwar dan il-każ l-imputat kien ingħata twissija. Xehdet ukoll dwar każ ieħor li wkoll seħħ f'Marzu 2017 fejn wettqet *spot check* fir-residenza fis-6.00 p.m. fejn sabet lill-

---

[3] Paġna 48 tla-atti proċesswali.
[4] Ara Dok. CB2, *ibid*.
[5] Ara Dok. CB5, esebit minn Chiara Borg, paġna 51 tal-atti proċesswali.
[6] Ara Dok. CB5, esebit minn Chiara Borg, paġna 50 tal-atti proċesswali.

klienti kollha kienu daħlu jorqdu diġa' u fejn Aloisio Caruana, li huwa *wheelchair user* u li kellu bżonn l-assistenza biex jinżel minn ġos-sodda, kien bil-bieb magħluq fil-kamra tiegħu fis-sodda bid-*dustbin* tiegħu mimli bil-ħrieqi maħmuġin u riħa ta' awrina fil-kamra magħluqa. Wara xi xhur għamlet *spot check* ieħor fejn inzertat l-istess ħaġa, ċioe' l-klient magħluq fil-kamra, u dan minkejja li kienet wissiet lill-imputat biex jassigura li dan ma jerġax jiġri. Fil-fatt, ingħatatlu twissija oħra billi dan l-aġir kien bi ksur tal-*abuse policy* tal-Aġenzija.

**Dr. Joseph Cassar**, l-espert psikatriku maħtur mill-Qorti biex jeżamina lil Raymond Farrugia, Darren Scicluna u Aloisio Caruana u biex jirrelata jekk dawn ix-xhieda ghandhoxm il-kapacita' mehtiega sabiex jifhmu l-import li tinghata xhieda bil-gurament u kif ukoll l-kapacita' li attwalment jaghtu x-xhieda, ikkostatat li dawn it-tliet persuni ma kienux ibatu minn mard ta' ġenn fiż-żmien tal-eżami iżda lkoll "*ibatu minn diżabilita' intellettwali u għalhekk idumu iktar biex jifhmu dak rikjest minnhom. Madanakollu, jifhmu m'inhi l-Qorti, jifhmu għalfejn iridu jixhdu ... għalhekk jistħgu jagħtu xhieda.*"

**Darren Scicluna** fix-xhieda tiegħu[7] qal li huwa kien joqgħod fl-istess kamra ma' Raymond Farrugia u l-imputat kien jabbuza minnu u kif ukoll minn Raymond. Lilu kien joqgħod jgħidlu li huwa giddieb u kien joqgħod ukoll imisslu l-parti privata tiegħu u dan ripetutament, kuljum, anke quddiem Raymond, li wkoll kien jagħmillu l-istess affarijiet. Kien ukoll joffendilu lil ommu u missieru u lill-mejtin li għandu u jidgħi kontrihom. Spjega li kien iħossu abbużat kif ukoll dieqa kbira. Ikkonferma wkoll li kien l-imputat biss fost is-*support workers* kollha tar-residenza li kien jagħmillu hekk, u meta ġie mkeċċi u ma baqax jaħdem fir-residenza, huwa ħass ferħ kbir u kien kuntent ħafna. Xehed ukoll li kien ra b'għajnejh ukoll lill-imputat jabbuża minn Aloisio, li kellu kamra għalih waħdu u kien imisslu sidru ("*żejża*") u l-parti privata tiegħu quddiemu.

[7] Xhieda tas-26 ta' Frar 2019.

Fix-xhieda tiegħu tad-9 ta' Novembru 2020, Darren Scicluna iddeskriva l-affarijiet li kien jagħmillu l-imputat bħala "*mhux ta' pjaċir*" u li qatt ma kien jistenna li jagħmel membru tal-i*staff*, fosthom jaqbdu minn qaddu, u minn spalltu u jaqbadlu wkoll il-partijiet privati tiegħu, jagħfsu minn għonqu u jtih bil-ponn fuq rasu u kien iġiegħlu jibki. L-imputat kien jipprova wkoll jagħfsu miegħu u ċaħad illi b'hekk l-imputat kien qed jipprova jgħannqu u għalih dan kien abbuż. Ikkonferma li din ġrat mhux darba biss iżda ħafna drabi matul iż-żmien kollu li kien ilu jgħix fir-residenza ta' Ħal Kirkop u waqfet biss meta l-imputat ma baqax jaħdem fir-residenza fl-1 ta' Mejju 2018 u hemmhekk kien ħa r-ruħ.

Xehed ukoll li kien jisma' lil Aloisio jibki u kien jaf li l-imputat kien isawtu u jġiegħlu jibki għaliex dan seħħ ukoll fil-preżenza tiegħu, kemm il-darba. Xehed illi kien jabbuża wkoll b'Raymond ukoll għaliex Raymond kien fl-istess kamra miegħu u kien jarah jagħmillu dawn l-affarijiet. Kien iħoss dwejjaq kbar meta l-imputat kien jagħmel dawn l-affarijiet. Dwar dawn l-affarijiet kien ikellem lil Carmen kif ukoll lil Catherine.

**Raymond Farrugia** xehed[8] illi l-imputat Joseph Bonnici kien jimbuttah u jwaqqgħu għaċ-ċajt "*li huwa ħażin*". Meta l-imputat ma baqax jaħdem fir-residenza huwa ħassu "*good boy*" u kuntent, għaliex ma kienx imur tajjeb miegħu u kien jgħidlu biex ma jpejjipx. Meta jpejjep is-sigaretti u jpinġi bil-kuluri jħossu "*all right*".

Xehed ukoll[9] illi kien ilu joqgħod fir-residenza ta' Ħal Kirkop madwar ħmistax-il sena. Darba minnhom, Joseph Bonnici kien imbuttah fuq is-sodda u tah daqqa fuq għajnejn. Qal li jħossu mweġġa' u jaqbdu d-dmugħ meta jiftakar f'dan l-episodju: dakinhar kien għamel ġurnata ma jpejjipx u kien staqsa lill-imputat biex itih sigarett u kien tah daqqa fuq moħħu, imbottah u qalbu fuq is-sodda. Ċaħad illi l-ferita li kellu saret meta kien flimkien ma' *carer* ieħor jew għaliex kien waqa' u ħabat rasu ma' karozza, u insista li Joseph, l-imputat, kien għamilhielu.

---

[8] Xhieda tal-15 ta' Ġunju 2019.
[9] Xhieda tad-9 ta' Novembru 2020.

**Aloisio Caruana** xehed permezz ta' konferenza bil-vidjo, fit-28 ta' Settembru 2020. Qal li lill-imputat, Joseph Bonnici[10], jafu għaliex kien *carer* miegħu fid-dar ta' Ħal Kirkop. Għalkemm xogħolu kien biex jgħinu, l-imputat kien jaqbad miegħu u ta' spiss kien jaqbad itih f'daharu u f'wiċċu u kien iweġġgħu. Skont ix-xhud, Joseph kien jobogħdu u hu wkoll ma kienx jaħmlu. Spjega wkoll kif l-imputat kien iwaqqaflu l-films li kien iħobb jara, u "*jfottihuli l-pjan*" billi kien jaqlagħlu s-CD tal-film u jkissirulu. Kien ukoll iweġġgħu f'sidru u f'siequ "*il-mejta*" bid-daqqiet tal-ponn, u kien itih ukoll fuq koxxtejh. Kien jagħtih ħafna daqqiet u kien iweġġgħu u emfasizza li dan ma seħħx darba biss iżda fuq bazi regolari. Dwar dan kien jitkellem ma' Carmen u ma' Catherine u minħabba din l-imġieb tal-imputat kien irid jitlaq 'il barra mir-residenza u jmur x'imkien ieħor.

**Carmen Camilleri** xehdet[11] illi kienet taħdem bħala *support worker* mal-Aġenzija Sapport fir-residenza ta' Ħal Kirkop fejn dak iż-żmien kienu jirrisjedu hemmhekk Darren Scicluna, Raymond Farrugia u Aloisio, u kien jaħdem ukoll bħala *support worker* l-imputat Joseph Bonnici. Qalet li t-tliet residenti kienu jgħidulha li l-imputat kien idejjaqhom u kienu jiddejqu minnu. Rigward il-każ ta' Raymond, qalet li Raymond kien mar jibki ħdejha darba minnhom kif daħlet xogħol, u wrieha tbenġila mad-dawra ta' għajnejh. Meta staqsietu biex ġralu hekk, qalilha li l-ġurnata ta' qabel[12], Joseph kien waddbu fuq is-sufan u mbagħad meta ħareġ fil-bitħa biex jitolbu sigarett, lagħbhielu. Ikkonfermat illi meta ġara dan l-allegat episodju, l-imputat kien waħdu bħala *support workers* fix-shift. Dwar dan, hi kienet kitbet *incident report*. Spjegat ukoll li Raymond kien jirrabja jekk ikun irid sigarett u ma ttihulux, joqgħod igerger u jgħajjat kif ukoll jeċita naqra ruħu u kien iparla waħdu, jinfexx jiekol jew joqgħod ibiddel il-ħwejjeġ.

Aloisio, li kien *wheelchair bound*, kien jgħidilha li l-imputat ma kienx jibdillu u kien ikellmu pastaż u ma kienx ikun iridu jdur miegħu. Qalet li huwa minnu li l-imputat

[10] Ix-xhud għarfu fuq l-iscreen fl-awla waqt ix-xhieda.
[11] Xhieda tad-29 ta' Settembru 2021.
[12] Ara xhieda tal-10 ta' Marzu 2022.

ma kienx jibdillu l-ħarqa għaliex meta kienet tidħol xogħol fix-*shift* ta' warajh, kien jgħidilha li jkun bidillu l-ħarqa bil-lest, iżda ma kienx ikun veru għaliex kienet issib lil Aloisio bil-ħarqa mimlija u l-ġilda tiegħu misluħa.  Kien allega wkoll illi l-imputat kien qalagħlu spalltu meta darba kien tefa' lil Aloisio bis-salt u kien dejjem igerger li spalltu tugħugħ.

Rigward Darren, Carmen Camilleri xehdet li kien joqgħod fl-istess kamra ma' Raymond, kien jgħidilha li l-imputat kien iqattagħlu l-ħwejjeġ u jarmihomlu. Għalkemm qatt ma rat xejn minn dan, kif kien jidħol għax-xogħol, Darren kien jaħrab jiġri ġol-kamra tiegħu u kienet issibu jibki.  Kien jgħidilha li kien imdejjaq, li l-imputat kien idejqu għaliex joqgħod jikkmandalu, iżda qalet li Darren "*ma kienx joqgħod iparla*".  Meta ġiet mistoqsija jekk qatt ratx lill-imputat jagħmel xi ħaġa minn dawn l-affarijiet, qalet li dak iż-żmien is-*support workers* kienu jkunu waħedhom fix-*shifts* iżda fi kwalsiasi każ, l-imputat ma kienx ser jazzarda jagħmel dawn l-affarijiet quddiemha.  Iktar riċentement, bdew ikunu żewġ *support workers* f'kull *shift*.

**Joseph Manuel Jonathan Bonnici, l-imputat**, b'referenza għar-ritratt ta' Raymond Farrugia bid-daqqa fuq wiċċu[13], xehed illi Raymond kien weġġa' meta kien ħareġ ma' Shaun Spagnol u kien waqa' u laqat wiċċu mal-karozza tiegħu.  Sar jaf bl-allegazzjoni li kien għamel Raymond Farrugia fil-konfront tiegħu biss meta kienu bagħtu għalih il-Pulizija għaliex ħadd ma kien ikkonfrontah dwarha.  Fl-istqarrija tiegħu, li kien irrilaxxa waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija, l-imputat ukoll kien ċaħad li kien laqat lil Raymond u stqarr li meta kien daħal xogħol fix-*shift* ta' bil-lejl bejn l-Erbgħa u l-Ħamis, kien ra li Raymond kellu daqqa fuq moħħu viċin ta' għajnejh.  Dak il-ħin, Catherine li kienet xogħol fix-*shift* ta' qabel, qaltlu li l-ferita kien għamilha mal-karozza ta' Shaun.  L-għada filgħaxija meta reġa' daħal xogħol, Raymond qallu li kien qed jibdel il-flixkun tal-ilma għaliex kien vojt, u kien hemmhekk li weġġa' taħt għajnejh u kkonferma li Shaun qallu l-istess ħaġa.  Mistoqsi kif seta' weġġa' ma' flixkun tal-ilma taħt għajnejh, wieġeb li huwa jassumi li d-daqqa ġiet bl-għonq tal-

[13] Ara wkoll ritratt Dok. CB3.

flixkun. Qal ukoll li dak il-ħin kien hemm preżenti Raphael, klijent ieħor tar-residenza, u kien ra lil Raymond ibiddel l-ilma.

L-imputat stqarr ukoll, waqt li kien qed jiġi interrogat, illi huwa kien ilu jaħdem bħala *care worker* erbatax-il sena u kien ilu seba' jew tmien snin jaħdem fir-residenza ta' Ħal Kirkop. Spjega li kien ikollu ħafna battibekki ma' Carmen, *support worker* oħra li kienet taħdem fir-residenza u jaf illi hi ma kienetx tafdah u semagħha tgħid li lilu ħadd ma jridu fir-residenza għax 'ġakbin'. Ma kellux ħbiberija lanqas ma' Sylvester, *support worker* ieħor, għaliex kien ħabib ta' Carmen. Qal ukoll li Raymond kif ukoll Darren kienu aggressivi lejn il-ħaddiema tar-residenza.

Rigward Aloisio Caruana l-imputat xehed illi huwa kien *wheelchair user* u kellu bżonn l-għajnuna biex jilbes u jinħasel kif ukoll biex jinżel minn fuq is-sodda.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli bir-reat taħt l-artiklu 257Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Dan jipprovdi li hija ħatja ta' reat:-

"*Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli, jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu...*"

Hu evidenti li din id-dispożizzjoni legali tinkorpora fih żewġ reati distinti.

Għall-fini tal-ewwel reat, l-elementi kostituttivi huma (i) persuna anzjana jew dipendenti bħala s-soġġett passiv (ii) ix-xjenza da parti ta' persuna li s-soġġett passiv tar-reat hu persuna anzjana jew adult dipendenti, (iii) att ta' kommissjoni jew omissjoni (iv) li jikkaġuna sofferenza, tbatija fiżika jew mentali mhux ġustifikabbli, u (v) ix-xjenza fl-aġent li l-effetti li dak l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni huma s-sofferenza jew tbatija fiżika jew mentali tal-vittma.

It-tieni reat huwa kostitiwit mis-segwenti elementi essenzjali: (i) persuna anzjana jew adult dipendenti bħala s-soġġett passiv, (ii) persuna li jkollha speċifikatament il-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana jew adult dipendenti u jmissha tkun taf li l-persuna hi anzjana jew adult dipendenti, (iii) att ta' kommissjoni jew omissjoni (iv) li jikkaġuna ħsara lill-vittma u (v) ix-xjenza fl-aġent li dak l-att jikkaġuna dik il-ħsara.

L-artikolu 257F(4) tal-Kap. 9 imbagħad jiddefinixxi "*persuna anzjana*", għall-fini *inter alia* tar-reat taħt l-artikolu 257Ċ, bħala persuna li għalqet l-età ta' sittin sena. "*Adult dipendenti*" huwa definit bħala persuna tal-età li tkun tbati minn marda tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba fiha l-kapaċità tagħha li twettaq attivitajiet normali jew li tipproteġi d-drittijiet tagħha jkunu ristretti, inklużi, iżda mhux limitati għal, persuni li jkollhom diżabilitajiet fl-iżvilupp tagħhom jew li l-kapaċitajiet fiżiċi u mentali tagħhom ikunu naqsu minħabba fl-età. Jinkludi wkoll kull persuna li tkun daħlet bħala pazjent residenti fi faċilità tas-saħħa li topera għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, jew tkun residenti f'istituzzjoni, jew daħlet f'istituzzjoni li toffri xi forma ta' kura medika jew psikoloġika.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi indubbjament, l-allegati vittmi tar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, ċioe' Darren Scicluna, Raymond Farrugia u Aloisio Caruana, huma adulti dipendenti entro t-tifsira tal-artikolu 257Ġ(4) tal-Kap. 9 għaliex kif jirriżulta mix-xhieda u l-provi proċesswali, iżda speċifikatament mir-relazzjoni ta' Dr. Joseph Cassar, dawn il-persuni lkoll ibatu minn diżabilita' intellettwali sa minn eta' żgħira, fejn idumu iktar biex jifhmu dak rikjest minnhom. Kemm hu hekk, huma jgħixu ġewwa residenza mmexxija minn Aġenzija Sapport għaliex minħabba d-

diżabilita' intellettwali u diżordni mentali tagħhom, m'humiex kapaċi jgħixu ħajja kompletament indipendenti u jeħtieġu l-assistenza ta' persuni oħrajn. Fil-fatt, fir-residenza l-klijenti kienu assistiti minn *support workers* li kienu jaħdmu fuq *shift basis* skont *roster* biex jiġi assigurat li r-residenza tkun sorveljata erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.

L-imputat, bħala impjegat tal-Aġenzija Sapport bħala *support worker* fir-residenza ta' Ħal Kirkop[14] sewwasew biex jassisti lir-residenti fil-bżonnijiet tagħhom, kien naturalment u inevitabbilment konxju li dawn ir-residenti kienu adulti dipendenti, tant illi dan kien parti mill-*job description* tiegħu[15]. Hu stess stqarr li xogħolu kien li jgħin lir-residenti biex jgħixu fis-soċjeta' u jgħallimhom affarijiet bażiċi. Il-Qorti hi wkoll tal-fehma illi l-imputat kellu wkoll effettivament il-kura u kustodja ta' dawn ir-residenti għall-fini tat-tieni reat maħsub fl-artikolu 257Ċ tal-Kap. 9, għaliex evidentement, bħala *support worker* inkarigat speċifikatament bil-kura u assistenza tar-residenti tad-dar fejn kienu jgħixu l-allegat vittmi f'dan il-każ, kellu dmir tabilħaqq kontrattwali biex jieħu ħsiebhom fil-ħin tax-xogħol tiegħu fid-dar fejn kienu residenti. Dan ifisser li l-imputat kien marbut li jeżerċita *a duty of care* fil-konfront tal-persuni li jiġu assenjati lilu, naxxenti mill-fatt li kien gie impjegat bhala *support worker* proprju biex jieħu ħsieb dawn in-nies vulnerabbli.

Timothy H. Jones u Michael G. A. Christie fil-ktieb taghhom '*Criminal Law*' mis-serje *Greens Concise Scots Law*[16] dwar il-kuncett ta' *duty of care* jew *duty to act*, jgħidu hekk:-

"*There are also instances where the common law would probably impose a duty to act. This will be the case where an individual has undertaken to do something upon which the health and safety of others depends. Examples of this are the cases of William Hardie, where a charge of culpable homicide brought against an Inspector of Poor who had ignored the deceased's application for poor relief was held to be relevant*, ...

---

[14] Xhieda ta' Chiara Borg, 11 ta' Ottubru 2018.
[15] Xhieda ta' Chiara Borg, 11 ta' Ottubru 2018.
[16] W. Green/Sweet & Maxwell, Edinburgh 1996, p. 46.

*In William Hardie the legal duty was derived from a contract. The failure to act was not just a breach of contract with his employer, however, but provided the basis for a conviction: the duty of care also extended to members of the public he was paid to protect.*"[17]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-istess sentenza appena ċitata, għamlet referenza wkoll lil Archbold - *Criminal Pleading, Evidence and Practice (2006*)[18], fejn jinghad hekk dwar id-*duty of care*:-

"*The duty of care belongs more to the fields of contract and tort than to this work. However, the following should be noted.*

...

*(b) A person may become liable for manslaughter by neglect of a positive duty arising from the nature of his occupation: R. v. Lowe (1850) 3 C. & K. 123 (an engineer in charge of the lift in a mine left it in the care of an ignorant boy); R. v. Markus (1864) 4 F. & F. 356 (a doctor absenting himself for the purpose of sport or some similar activity left unattended a patient whom he knew to be in a precarious condition); R. v. Curtis (1885) 15 Cox 746 (a local authority officer neglected to provide medical assistance to a destitute person). ...*"

Il-Qorti rat il-provi u l-atti proċesswali.

In kwantu għal Raymond Farrugia, għalkemm hi sodisfatta li jirriżulta sodisfaċjentement ippruvat li l-imputat ħebb għalih u tah daqqa ta' ponn f'għajnejh fit-13 ta' April 2018 meta kien talbu għal sigarett, u hi konvinta wkoll li kien weġġgħu fiżikament meta qalbu fuq is-sodda ftit tal-ħin qabel, dawn l-atti m'humiex idonei, lanqas jekk meħudin flimkien, biex jagħtu lok jew iwasslu għal dik it-tbatija fiżika jew mentali mhux ġustifikabbli li kellu f'moħħu l-leġislatur meta fassal id-delitt taħt l-artikolu 257Ċ tal-Kap. 9 għall-protezzjoni ta' persuni anzjani u adulti dipendenti minn

[17] Ċitat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis, Concetta Decelis, Jason Louis Paul Decelis**, deċiża 25 ta' Settembru 2008.

[18] P.1799 -1800, para. 19-111.

abbuż. Il-Qorti tqis li l-abbuż li kellu f'moħħu l-leġislatur jrid ikun imnissel mhux minn azzjoni jew ommissjoni iżolata jew b'effett istantanju, iżda minn imġieba ripetuta jew sistematika li, ikkunsidrat l-istat vulnerabbli jew dipendenti tal-vittma, tikkolmina f'sofferenza jew uġigħ fiżika jew mentali. Hekk per eżempju, nuqqas ta' attenzjoni, kura medika, ikel jew xorb jew iġene, ċioe' aġir li min-natura tiegħu jrid ikun wieħed persistenti biex jilħaq il-qofol ta' sofferenza jew uġigħ fiżiku jew mentali mhux ġustifikabbli. Sofferenza u uġigħ li huma riskontrabbli fi stat ta' fatt li jmur lil hinn minn sempliċi weġgħa jew tbatija istantanja (anke jekk b'effetti fiżiċi li jipperduraw), u jew fi tbatija mnissla minn aġir, anke ta' natura ommissiva, li huwa sistematiku u li l-aġent jaf li ser iġib sofferenza u ugigħ mhux ġustifikabbli. Dan hu deżumibbli wkoll u fuq kollox, mill-kliem "*ċirkostanzi jew kundizzjonijiet*" fejn l-aġent jopera fi kwadru ta' ċirkostanzi jew sett ta' kundizzjonijiet li jġibu fuq il-vittma uġigħ fiżiku jew mentali mhux ġustifikabbli, jew li fihom huwa "*jġiegħel*" u "*jippermetti*" li l-vittma jsofri.

In kwantu għal Darren Scicluna, il-Qorti ma tqisx illi l-fatt li l-imputat seta' jaqbadlu l-partijiet privati tiegħu, imissu b'mod sesswali, ineżżagħlu l-ħwejjeġ kontra r-rieda tiegħu, jagħfsu miegħu u b'hekk jabbużah sesswalment, jikkostitwixxi imġieba li ġġib fuqu uġigħ fiżiku jew tbatija mentali jew "*ċirkostanzi*" li jġiegħluh isofri. F'kull każ, ma jirriżultax illi din l-imġieba qegħditu f'sitwazzjoni fejn il-persuna jew is-saħħa tiegħu ġarrbu ħsara jew kienu f'perikolu. Kollox magħdud, m'hijiex konvinta li fil-fatti li joħorġu mix-xhieda ta' Darren Scicluna huma riskontrabbli l-elementi tar-reat taħt l-artikolu 257Ċ tal-Kap. 9, għalkemm jidher li jistgħu jiffiguraw l-elementi ta' delitt ieħor jew delitti oħrajn li l-imputat, madankollu, mhux mixli bihom f'dawn il-proċeduri.

Dwar l-allegazzjoni li l-imputat kien jagħti lil Darren Scicluna bil-ponn fuq rasu u jagħfsu minn għonqu tant li kien iġiegħlu jibki, il-Qorti wkoll m'hijiex konvinta li dan jikkostitwixxi l-abbuż li l-leġislatur irid jippunixxi bir-reat taħt l-artikolu 257Ċ tal-Kap. 9. Huwa minnu li Carmen Camilleri kkonfermat fix-xhieda tagħha illi Darren kien qalilha li kien imdejjaq minħabba l-imġieba tal-imputat, tant illi kkonfermat li

kien jaħrab jiġri fil-kamra tiegħu meta l-imputat kien jidħol xogħol, u kienet issibu jibki. Iżda l-liġi fl-artiklu 257Ċ tal-Kap. 9 teħtieġ aktar minn dwejjaq jew skumdita' jew biża' da parti tas-soġġett passiv ta' dan ir-reat. Fil-każ ta' Darren Scicluna, m'hemmx prova konklussiva u oġġettivament riskontrabbli fil-grad li tinħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, li b'riżultat tal-imġieba – del resto deplorevoli u ta' stmerrija assoluta – tal-imputat, il-persuna jew is-saħħa ta' Darren Scicluna saritilhom il-ħsara jew tqiegħdu f'sitwazzjoni ta' perikolu jew li huwa sofra jew ġarrab l-uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikat kif maħsub fl-artikolu 257Ċ tal-Kap. 9 tal-imputat, anke jekk kienet imġieba ripetuta u sistematika li ġiegħlet lill-vittma jħossu mdejjaq, fastidjat u mpoġġi taħt pressjoni inġusta.

Kwantu għal Aloisio Caruana, jirriżulta mill-provi li huwa jbati minn diżabilita' intellettwali kif ukoll fiżika tant illi huwa *wheelchair bound* u jeħtieġ l-assistenza biex jilbes u jinħasel kif ukoll biex jinżel minn fuq is-sodda. Il-Qorti hi sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ressqet provi konklussivi li jlaħħqu l-grad ta' ċertezza morali li l-imputat, għad illi kien jgħin lil Aloisio Caruana fil-bżonnijiet tiegħu, kien ukoll jabbużah billi jkellmu ħażin kif ukoll jagħtih bil-ponn. Fil-fatt, ix-xhieda kollha xehdu li l-imputat kien iweġġgħuhom u jagħtihom bil-ponn u l-Qorti ftit għandha dubju li dan hu minnu u li l-imġieba tiegħu fil-konfront tal-persuni vulnerabbli li kien inkarigat bil-kura u kustodja tagħhom kienet waħda sistematikament abbużiva, insensat u krudili. Dan hu manifestat ukoll fil-fatt illi Aloisio Caruana xehed huwa stess li l-imputat mhux biss kien regolarment itih ħafna daqqiet bil-ponn f'sidru u f'saqajh u kien iweġġgħu, iżda kien ukoll iwaqqaflu l-films li kien ikun qed jara u jkissirlu s-CDs. Din il-verżjoni hi konfortata mix-xhieda ta' Darren Scicluna li xehed li kien jisma' lil Aloisio jibki u kien jaf li l-imputat kien isawtu u jġiegħlu jibki għaliex dan seħħ ukoll fil-preżenza tiegħu, kemm il-darba. Tant kien imdejjaq Aloisio Caruana b'din l-imġieba krudili u degradanti, li xehed li ried jitlaq 'il barra mir-residenza u jmur jgħix x'imkien ieħor. Il-Qorti stess kellha l-opportunita' tosserva illi Aloisio Caruana kien ferm imdejjaq meta kien qed jixhed dwar din il-vjolenza u abbuż u hekk kif ġie mitlub jidentifika lill-imputat fuq l-iscreen waqt id-depożizzjoni tiegħu, sar viżibilment emozzjonat u aġitat u kien evidenti d-distress li qabbdu dak il-ħin.

Joħroġ ċar mill-provi li l-imsemmi *duty of care* li kien jinkombi fuqu, l-imputat mhux talli ma onorahx fil-konfront ta' Aloisio Caruana, talli bl-azzjonijiet u l-atteġġjament tiegħu ġiegħlu jbati bla bżonn meta fl-aħħar mill-aħħar, kien dipendenti fuq l-imputat bħala wieħed mill-*carers* tiegħu. Dan kollu jikkonvinċi lill-Qorti li l-imputat kien tassew ikun vjolenti ma' Aloisio Caruana u jweġġgħu u li dan l-abbuż fiżiku imwettaq sistematikament fuq persuna dipendenti b'diżabilita' severa sija intelletwali kif ukoll fiżika, ġiegħlu jsofri kif ukoll ikkaġunalu tbatija mentali mhux ġustifikat, kif del resto maħsub fl-ewwel parti tal-artikolu 257Ċ tal-Kap 9.

Iżda mhux hekk biss. Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Ramona Pullicino fejn ikkonfermat illi f'żewġ okkazzjonijiet separati f'Marzu 2017, fejn wettqet *spot check* fir-residenza fis-6.00 p.m. meta kien xogħol l-imputat, sabet lil Aloisio Caruana diġa' fis-sodda bil-bieb tal-kamra tiegħu magħluq u bid-*dustbin* tiegħu mimli bil-ħrieqi maħmuġin u riħa ta' awrina fil-kamra magħluqa. Magħdud dan ix-xhieda ta' Carmen Camilleri li kkonfermat illi huwa minnu dak li kien jgħidilha Aloisio Caruana, ċioe' li l-imputat ma kienx jibdillu l-ħarqa, għaliex meta kien imissha xogħol wara x-*shift* tal-imputat hu kien jgħidilha li jkun bidillu l-ħarqa bil-lest, iżda dan ma kienx ikun veru għaliex kienet issib lil Aloisio bil-ħarqa mimlija u l-ġilda tiegħu misluħa u kien ikollha ddewwih.

Il-Qorti hi moralment konvinta illi l-imputat, li kien jaf li Aloisio Caruana huwa persuna fiżikament diżabbli u totalment dipendenti fuq persuni oħrajn għall-bżonnijiet tiegħu u ma jistax jieħu ħsieb l-iġene personali tiegħu, bl-aġir ommissiv deliberat tiegħu, imwettaq sistematikament, messu kien jaf li kien qed iġiegħel lill-vittma jiġi umiljat u degradat u li qed jippermettilu jsofri. Sofferenza mhux biss fuq livell fiżiku – xprunata mill-effetti tan-nuqqas ripetut ta' tibdila ta' ħarqa maħmuġa għal tul ta' ħin, kif xehdet Carmen Camilleri - iżda wkoll tbatija mentali minħabba frustrazzjoni u dwejjaq, riskontrabbli oġġettivament f'ċirkostanzi fejn persuna immobbli li tiġi magħluqa f'kamra maħmuġa u tinten bir-riħa ta' awrina u ħrieqi maħmuġin tagħha stess, indubbjament tħoss. Aġir bħal dan, fiċ-ċirkostanzi ta' persuna dipendenti bħal

Aloisio Caruana, m'hu xejn ħlief sfruttament li jiffigura sfiq fl-imġieba punibbli taħt l-artikolu 257Ċ tal-Kap. 9, liema imġieba kienet evidentement intiża biex Aloisio isofri kemm fiżikament u anke mentalment u dawn l-azzjonijiet mhumiex ġustifikabbli.

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinstab ħati li wettaq ir-reat taħt l-artikolu 257Ċ tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Aloisio Caruana.

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm kif diġa' stabbilit, l-elementi tar-reat taħt l-Artikolu 257Ċ tal-Kap. 9 ma ġewx ippruvati u l-imputat mhux sejjer jinstab ħati b'dan ir-reat fir-rigward ta' Raymond Farrugia, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ħtija tiegħu għar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni, ċioe' li ħebb għal Raymond Farrugia u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa.

Raymond Farrugia nnifsu xehed f'żewġ okkażjonijiet quddiem il-Qorti fejn fisser kif dakinhar kien għamel ġurnata ma jpejjipx u kien staqsa lil Joseph Bonnici biex itih sigarett iżda minflok, l-imputat kien kien imbuttah fuq is-sodda u tah daqqa fuq wiċċi, taħt għajnejh. Ċaħad illi l-ferita li kellu saret meta kien flimkien ma' *carer* ieħor jew għaliex kien waqa' u ħabat rasu ma' karozza u insista li Joseph, l-imputat, kien għamilhielu. Din il-verzjoni ġiet affermata minn diversi xhieda li raw it-tbenġila taħt l-għajn ix-xellugija ta' Raymond Farrugia u staqsewh kif ġrat. Ramona Pullicino xehdet li meta rċeviet ir-rapport u staqsiet lil Raymond Farrugia dwar x'kien ġara, il-verżjoni tiegħu kienet kompatibbli ma' dak imniżżel fir-rapport, filwaqt li Carmen Camilleri wkoll affermat fix-xhieda tagħha li meta kienet daħlet xogħol Raymond mar jibki ħdejha u wrieha tbenġila mad-dawra ta' għajnejh, fejn irrakkontalha kif l-imputat kien tah daqqa f'wiċċu meta kien talbu għal sigarett. Fuq kollox, dan l-episodju jinsab rikordjat fid-dettall fl-*incident report* li sar minn Shaun Spagnol fl-14 ta' April 2018 meta kien innota "*daqqa ħamra*" fuq wiċċ Raymond Farrugia li dak il-ħin qallu li kien l-imputat li kien tah daqqa ta' ponn meta kien talbu għal sigarett.

Barra minn hekk, mill-provi l-Qorti hi wkoll sodisfatta wkoll li fil-ħin meta seħħ dan l-inċident, l-imputat kien l-uniku *support worker* u membru tal-i*staff* li kien xogħol dak il-ħin fir-residenza, u dan kif del resto jirriżulta wkoll mid-dokumenti esebiti minn Chiara Borg, kif mix-xhieda ta' Carmen Camilleri li kkonfermat li dak iż-żmien, kien ikun hemm biss *support worker* wieħed f'kull *shift*.

Il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-imputat li Raymond Farrugia weġġa' meta kien qed jibdel il-flixkun tal-ilma fil-kamra tiegħu jew meta kien ħareġ ma' Shaun Spagnol u weġġa' mal-karozza tal-istess Spagnol. Din il-verżjoni ma sabet konfort minn ebda xhud jew prova ċirkostanzjali u fil-fehma tal-Qorti, la hi verosimili u lanqas tilħaq il-grad tal-probabbli. F'kull każ, il-verżjoni ta' Raymond Farrugia kienet waħda konsistenti u għalkemm hu minnu li minħabba d-diżabilita' intelletwali tiegħu il-vittma seta' kellu mumenti fejn immanifesta *challenging behaviour*, il-verżjoni tiegħu fir-rigward ta' dan l-episodju mhux talli ma ġietx imminata, talli ssib konfort pjen mill-atti u l-provi proċesswali u l-Qorti ma riskontrat ebda raġuni kwalsiasi għaliex għandha tiddubita din l-verżjoni jew tiskartaha.

Huwa minnu li Shaun Spagnol, għalkemm xehed li huwa niżżel l-episodju rrakontalu Raymond Farrugia fil-*log book* li jinżamm biex fih jingħata *handover* lil min jidħol xogħol fix-*shift* ta' wara, ma kienx fil-fatt għamel referenza għal din il-ferita fin-noti tiegħu tax-*shift* ta' bil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2018 u għall-verżjoni li kien tah Raymond Farrugia fir-rigward. Madankollu, il-Qorti ma tqisx li dan in-nuqqas hu fatali għat-teżi tal-Prosekuzzjoni għaliex kif diġa' ngħad, ix-xhieda ta' Raymond Farrugia fir-rigward hi konsistenti u kredibbli u hija wkoll l-istess verżjoni li kien irrakkonta lix-xhieda kollha li raw il-marka fuq wiċċu u staqsewh dwarha.

Il-ferita li ġarrab Raymond Farrugia b'riżultat ta' din id-daqqa ta' ponn, hi evidenti fit-tbenġila li tidher fir-ritratt Dok. CB3[19] u xehdu dwarha diversi xhieda. Għaldaqstant, hu ppruvat fil-grad meħtieġ mil-liġi li l-imputat ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Raymond Farrugia.

---

[19] Dan ir-ritratt Shaun Spagnol ikkonferma li kien ħadha hu stess bil-mobile tiegħu.

Tassew il-Prosekuzzjoni indikat fit-tieni imputazzjoni, l-artikolu 222A(1) tal-Kap. 9 iżda l-Qorti ma taqbilx li waħedha l-indikazzjoni ta' xi artiklu tal-liġi fiċ-ċitazzjoni torbot lill-Qorti li tapplika dak l-artikolu, meta fl-imputazzjoni relattiva mhux riprodott il-kliem tar-reat jew l-aggravanti b'mod li huwa faċilment deċifrabbli minn qari sempliċi tal-imputazzjoni u b'mod li l-imputat jista' jkun jaf li qed jiġi effettivament mixli b'dak ir-reat jew aggravanti. Barra minn hekk, u f'kull każ, fiż-żmien meta twettaq dan ir-reat, ċioe' f'April 2018, l-artikolu 222A ma kienx jinkludi fost il-motivi u aggravanti tal-piena għar-reati taħt l-artikolu 221 u taħt l-artikoli preċedenti tas-Sub Titolu II[20], id-diżabilita'. Kemm hu hekk, id-diżabilita' bħala motiv jew aggravanti tar-reat ġiet introdotta biss bl-Att LVX tal-2021 li fil-paragrafu 6, iddispona li fl-artikolu 222A tal-Kap. 9, il-kliem "*nazzjonalità jew oriġini etnika, ċittadinanza*" kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "*oriġini nazzjonali jew etnika, età, **diżabilità**, ċittadinanza*"[21]. Ma ġiex ippruvat lanqas li l-imputat ikkommetta dan ir-reat għaliex kien motivat jew aggravat fuq bażi ta' xi wieħed mill-fatturi l-oħra msemmija fl-artikolu 222A tal-Kap. 9 kif kien fis-seħħ fiż-żmien tat-twettiq tar-reat, per eżempju orjentazzjoni sesswali.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tielet imputazzjoni l-imputat qed jiġi mixli li bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Darren Scicluna u lil Aloisio Caruana biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra xi waħda mill-persuni msemmija fl-artikolu 251B tal-Kap. 9.

Huwa risaput illi wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat taħt *inter alia* l-artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa kondotta da parti tal-aġent tar-reat li tammonta għal a course of conduct. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imgieba" f'din id-dispożizzjoni legali kif ukoll mill-kliem: "*... lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*". Hu wkoll assodat fil-ġurisprudenza in materja li r-reat

[20] Tirolu VIII, Taqsima II tal-Ewwel Ktieb.
[21] Emfasi tal-Qorti.

taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9 hu riskontrabbli meta l-aġent tar-reat iġib ruħu b'mod li jnissel sensazzjoni ta' biża' u allarm fis-soġġett passiv tar-reat li ser tintuża vjolenza.

Illi l-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[22] qalet hekk:-

"*... Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qatgħa: ("alarming") jew idejjaq: ("causing distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "**Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose**" ...*"

Jeħtieġ li jiġi ppruvat li din l-imġieba seħħet f'żewġ okkazzjonijiet jew iktar li fl-assjem tagħhom jista' jiġi ravviżat kondotta ripetuta li tikkaġuna fis-soġġett passiv biża' ta' vjolenza, liema biża' trid tkun ukoll oġġettivament riskontrabbli. Inoltre, apparti l-element tal-imġieba ripetuta, ossia *a course of conduct* da parti tal-persuna akkużata, jeħtieġ li jiġi ppruvat li din l-imġieba effettivament qanqlet biża' jew ħolqot allarm fis-soġġett passiv tar-reat. Il-Qorti għalhekk trid tkun moralment konvinta illi tal-element soġġettiv ta' biża' fil-vittma, ċioe' li l-vittma effettivament beżgħet għas-sigurta` personali u inkolumita` fiżika tagħha minħabba din l-imġieba tal-imputat. Għalkemm il-prova rikjesta hija ta' stat ta' emozzjoni soġġettiva, din tista' tigi dezunta wkoll oġġettivament mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Applikat dan kollu għall-fatti li joħorħu mix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma taqbilx li ġie ppruvat li l-imputat aġixxa b'kondotta li ħolqot biża' fil-vittmi li sejjer juza vjolenza kontrihom. L-imputat kien attwalment vjolenti fil-konfront ta' Darren Scicluna u Aloisio Caruana li ma xehdux dwar episodji partikolari fejn l-imputat aġixxa b'mod ikkalkolat li joħloq allarm jew dwejjaq fil-vittmi jew jagħtihom qatgħa u li nissel fihom dan is-sentiment ta' apprensjoni li sejjer juża vjolenza

[22] Deċiża fil-21 ta' Ġunju 2007.

kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom. Dak li jirriżulta mill-provi hu li l-imputat kien isawwat lil Darren Scicluna u lil Aloisio Caruana bid-daqqiet tal-ponn u kien iweġġagħhom u b'hekk kien juża vjolenza fuqhom **b'mod attwali u effettiv** u mhux joħloq, b'xi imġieba partikolari, dik is-sensazzjoni ta' allarm u biża' ta' vjolenza potenzjali li kif rajna, tikkostitwixxi wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9. Fil-fehma tal-Qorti, it-twettiq attwali ta' vjolenza m'huwiex wieħed mill-elementi ta' dan ir-reat iżda hu l-imġieba li twassal biex tqanqal fil-vittma l-biża' li tintuża' effettivament dik il-vjolenza, li jikkostitwixxi l-element tar-reat.

Għaldaqstant, in mankanza tax-xhieda ta' dawn iż-żewġ vittmi jew wieħed minnhom dwar episodji partikolari fejn l-imputat uża kliem jew wettaq xi egħmil li nissel allarm u sensazzjoni ta' apprensjoni li sejjer ikun imġiegħel isofri att ta' vjolenza, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għar-reat addebitat fit-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet qies tal-fedina penali tal-imputat, kif ukoll tal-fatt illi talanqas in kwantu għar-reat imwettaq fuq il-persuna ta' Aloisio Caruana, dan ġie kommess b'atti ripetuti li seħħew fuq medda ta' żmien u li kkaġunaw niket u dwejjaq kbar fil-vittma li kien jixraqlu rispett, dinjita' u għajnuna tenut kont tad-diżabilitajiet tiegħu, u mhux umiljazzjoni u abbuż. In kwantu għar-reat kommess fuq il-persuna ta' Raymond Farrugia, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax il-fatt li dan l-att ta' vjolenza wkoll ġie mwettaq fuq vittma li għandu problemi serji intellettwali li jagħmluha diffiċli ferm għalih jesprimi ruħu u allura fejn ikun iktar faċli li wieħed jimmina l-verżjoni tal-vittma.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni safejn ġie mixli li wettaq ir-reat taħt l-artikolu 257Ċ tal-Kodiċi Kriminali fuq il-persuna ta' Raymond Farrugia u Darren Scicluna, u mhux ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 221(1), 257Ċ(1) u 257F(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil JOSEPH MANUEL JONATHAN BONNICI ħati**

**tal-ewwel imputazzjoni in kwantu wettaq ir-reat taħt l-artikolu 257Ċ(1) tal-Kapitolu 9 fuq il-persuna ta' Aloisio Caruana u ħati wkoll tat-tieni imputazzjoni, u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien erba' (4) snin, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Aloisio Caruana u Raymond Farrugia, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess JOSEPH MANUEL JONATHAN BONNICI a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin u dan taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.**

**Għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma komplessiva ta' €417.10 rappreżentanti l-ispejjeż li tħallsu lill-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar u lill-espert terapista Kerstin Pulis, li ġew maħtura bħala periti fil-proċeduri u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum**.

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**